Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,203, 7 ta' Diċembru, 1995
Taqsima B

A.L. 171 ta' l-1995

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1995 li Jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l-Att ta l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li Jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2), liema Tieni Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew isehhu fl-1 ta' Jannar, 1995.

Jissostitwixxi l-paragrafu (b) tal-partita 13 ta' l-Iskeda.

2. Minflok il-paragrafu (b) tal-partita 13 tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"(b) vjaġġi bil-bahar *scheduled* bejn gżira u oħra provvisti minn trasportaturi awtorizzati, u servizzi *scheduled* ta' trasport bil-bahar oħra li għandhom l-għarfien bħala hekk mill-Kummissarju;".